# Kotba ġodda bil-Malti

***miktubin bl-ortografija tal-Għaqda***

Xtaqna stajna nkomplu nsemmu u nġibu xi ħaġa fuq kull wieħed mill-kotba bil-Malti maħruġa bl-ortografija tagħna kif konna bdejna nagħmlu u hekk ikollna lista sħiħa ta' dawn il-kotba, iżda jkollna nistqarru b'wiċċna minn quddiem li tlifna l-linja. L-ewwelnett, u dan ngħiduh b'ferħ kbir tagħna, għaliex il-għadd ta' dawn il-kotba sar kbir ħafna u mbagħad—u din hi l-aqwa raġuni—għax mhux kulħadd jibagħtilna kopja—jew, għall-inqas, jibgħat biss igħarrafna bil-ktieb li jkun stampa bl-ortografija tagħna. Fost dawk li nbagħtitilna kopja jew li ġew f'idejna nsemmu:

1. *Il-Kotba tal-Paralipomni*, maqlubin mil-Lhudi u mfissrin minn P.P. Saydon. Dan huwa l-Għaxar ktieb ta' "Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti" li l-Professur Dr. Dun P. P. Saydon kien beda joħroġ fl-1929. Fuq il-qlib tiegħu ma hemmx bżonn nitkellmu ħafna. Il-kelma ta' Dr. Saydon hi magħrufa u r-reqqa tiegħu, l-iżjed fit-traduzzjoni tal-Bibbja, ma tħalli xejn x'wieħed jixtieq. Il-ktieb li fih fuq il-100 faċċata hu stampat tajjeb bħal sħabu l-oħra fl-Empire Press.

2. *Il-Ġmiel ta' Ġisimna* minn Ġużè Bonnici M.D., B.Sc. Dan huwa l-ewwel wieħed fost il-kotba msejħa "Ġabra ta' Tagħlim" li bi ħsiebu joħroġ it-Tabib Ġużè Bonnici. Ktieb ta' format kbir ta' ma' dwar 160 faċċata illustrat tajjeb b'figuri u stampi oħra tal-ġisem tal-bniedem, miktub tajjeb ħafna u fih tagħlim meħtieġ. Mitbugħ fit-"Times of Malta" Progress Press.

3. *San Ġwann* tat-Tabib Ġużè Galea. Dan huwa l-ħames ktieb tal-"Ġabra ta' Kitba Maltija" li qiegħed joħroġ it-Tabib Bonnici. Kellna għalfejn insemmu, kemm-il-darba din il-Ġabra u faħħarnieha kif kien jistħoqqilha, bħalma faħħarna l-erba' kotba li s'issa ħarġu fiha. Dan il-ħames wieħed xejn ma jagħmel għajb lil ta' qablu. Il-kitba tat-Tabib Galea nafuha, l-iżjed, fir-romanz l-ieħor *Żmien l-Ispanjoli* li kien ħa t-tieni premju fil-konkors tal-Gvern (1937).



Dan ta' l-aħħar jitħaddet fuq żmien iżjed lejna u qiegħed mibni ma' dwar il-bini tal-Knisja ta' San Ġwann u jfakkarna f'għamil wieħed min-nies kbar maltin li qatt ma għandna ninsew: Ġlormu Cassar. Dan il-ktieb hu stampat fl-istamperija l-ġdida "Excelsior" imwaqqfa, nistgħu ngħidu, biex tmexxi l-kitba tajba Maltija. Fih 136 faċċata stampati ċari u sabiħ ħafna.

4. *Il-Għana ta' Dun Karm.* L-ewwel ktieb ta' Ġabra oħra maħruġa mit-Tabib Bonnici. Din hi "Ġabra ta' poeżija". Ma għandniex xi ngħidu, il-bidu ma satax ma kienx ġabra tal-poeżijiet ta' Dun Karm Psaila; din sa tkun imqassma f'erba' kotba, dan l-ewwel wieħed jismu "X'ħabb u x'ħaseb il-Poeta" Ma nistgħux, għax ma għandniex żmien u wisa', nitkellmu fit-tul fuqhom iżda nafu li kulħadd jaf x'jiswa u x'sewa għall-poeżija Maltija Dun Karm. Irridu hawn infaħħru wkoll lit-tabib Bonnici għal dawn il-ġabriet ta' kotba bil-Malti li ħa fuq spallejh biex joħroġ u li f'din il-ħarġa kellna għalfejn insemmu wieħed minn kull waħda mit-tliet ġabriet: Ġabra ta' Kitba Maltija, Ġabra ta' Tagħlim u Ġabra ta' Poeżija.

5. *alla taż-żgħażagħ jew siltiet ta' kritika.* Din hi ġabra ta' kitba ta' kritika letterarja magħżula minn dik li kiteb Karmenu Vassallo, magħruf bħala l-awtur tan-*Nirien.* Fih studji sbieħ ta' kritika letterarja u fih ukoll x'jaħsbu u x'kitbu fuq dan il-kittieb kittieba oħra magħrufa u fuqu nsibu poeżija ta' Nikol Biancardi, artikolu maqlub mill-franċiż ta' Laurent Ropa u erba' kelmiet mit-Tabib G. Galea. Dan il-ktieb, ta' ma dwar il-100 faċċata, hu stampat tajjeb għand G. Muscat.

6. *Kollezzjoni "Żminijietna."* Ma' tul din is-sena ħarġet it-tieni sena ta' din il-Kollezjoni miktuba minn P. Alb. Busuttil S.J. Kienet magħmula minn: It-Traġedja Spanjola; l-Ewkaristija u Żminijietna; il-Mediterran, u il-Messaġġ ta' Piju XII, kollha kotba ta' tagħlim liema bħalu u jmissu kustjonijiet tassew ta' żminijietna. Patri Busuttil issa qiegħed jaħseb għat-tielet sena. Nittamaw li tkunlu suċċess bħas-snin l-oħra ta' qabilha.